**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs.**

**Jane Farrugia**

Kump No: 272/2016

Illum id-29 ta' Ottubru 2020

Il Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jane Farrugia akkuzata talli:

1. B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli fiz-zminijet bejn il-07 ta' Awissu 2013 u l-24 ta' Marzu 2014 mill-fond Dolce Sorpiza, Triq George Caruana, Hal-Tarxien, Malta u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetejt serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn 2,392.37 euros, liema serq hu

ikkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni u jew persuni/entitajiet ohra.

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamilt hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkagunajt telf tal-kurrent elettriku.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika ukoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament[1];

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lix-xhieda, inkluz dik ta' l-imputata li nghatat b'mod volontarju u rat id-dokumenti kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputata tixhed b'mod volontarju nhar it-3 ta April 2019[2].

Wara li rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 mis-Sinjurija Tieghu l-Onorabbli Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi[3].

Wara li fl-udjenzja tat-30 ta' Jannar 2020 rat li l-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti milli terga tisma' lix-xhieda prodotti li kienu diga instemghu minn din il-Qorti kif kienet qabel ippreseduta.[4]

---

[1] Folio 10 ta' l-atti processwali
[2] Folio 168 et seq ta' l-atti processwali
[3] Folio 172a ta' l-atti processwali
[4] Folio 179 ta' l-atti processwali

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar is-26 ta' Novembru 2018 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputata ghandha tinsab hatja u cioe[5]:

(a) Fl-artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fl-artikoli 326 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat li waqt is-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2018[6] inqraw l-artikoli ghal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, saqsiet lill-imputata jekk kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li waqt l-istess seduta l-imputata iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi ttrattat bi procedura sommarja. Il-Qorti hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha ghal dik ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-26 ta' Novembru 2018.[7]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-23 ta' Lulju 2020.[8]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

[5] Folio 157 ta' l-atti processwali
[6] Folio 161 ta' l-atti processwali
[7] Folio 161 ta' l-atti processwali
[8] Folio 187 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata tinsab akkuzata b'zewg imputazzjonijiet tali ikkommetiet serq ta' dawl elettriku liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur, lok, u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll tali ghamlet hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkagunat telf tal-kurrent elettriku.

Illi din il-kwistjoni sarret meta nhar l-25 ta' Marzu 2014 saret spezzjoni ghalarrieda mill-haddiema tal-Enemalta gewwa l-hanut tal-imputata li jgib l-indirizz 'Dolce Sorpresa', Triq George Caruana, Hal- Tarxien. Waqt din l-ispezzjoni l-haddiema osservaw li l-arlogg tad-dawl ma kienx jahdem tajjeb u kien qed jaqra inqas min-normal.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi nhar il-24 ta' Ottubru 2016 xehdu bil-gurament **Robert Busuttil** u l-**Inginier Christopher Cutajar.**

Illi nhar it-30 ta' Novembru 2016 xehed bil-gurament **Michael Buttigieg, John Tonna,** u **PS 159 Glenn Calleja.**

Illi nhar l-1 ta' Marzu 2016 xehed **l-Ispettur Hubert Cini.**

Illi nhar id-9 ta' Marzu 2018 xehed **Cyril Spiteri Staines.**

Illi l-imputata tat stqarrija nhar it-8 ta' Jannar 2016[9] kif ukoll ix-xhieda tagħha fis-seduta tat-3 ta' April 2019.

**Robert Busuttil**[10], *Senior Distribution Tradesman* mal-Korporazzjoni Enemalta, xehed waqt is-seduta tal-24 t'Ottubru 2016. Ix-xhud stqarr li nhar il-25 ta' Marzu 2014 kien involut f'*surprise inspection* fil-fond Dolce Sorpresa, Triq George Caruana, Ħal-Tarxien. Il-persuni l-oħrajn involuti kienu l-Inġinier Chris Cutajar, l-Inġinier John Tonna kif ukoll PS 159 Glenn Calleja. Minn din l-ispezzjoni irriżulta illi kien hemm arloġġ tad-dawl li kien qed jaqra baxx jew aħjar *under registry*. Dan ġie skopert wara li sar test fuq l-arloġġ permezz tal-MET u nstab li kien qed jirreġistra -68%. Filwaqt li l-arloġġ kellu s-siġilli, dawn ma kienux intatti u jidhru li kienu infetħu u reġgħu ingħalqu. Dakinhar inbidel l-arloġġ u dak suspettat ġie elevat. Sabiex inqala' ma tneħħewx is-siġilli u s-Sinjura Jane Farrugia, li kienet il-persuna preżenti fuq il-post, iffirmat fuq il-borża. Ix-xhud ikkonferma li dak il-ħin huma kienu spjegaw lil Jane Farrugia x'kien qed jiġri. Wara dan sar rapport mal-Ispettur Zammit li dak iż-żmien kien qed jieħu ħsieb każijiet simili. Meta x-xhud ġie riferut għal Jane Farrugia fl-awla, huwa sab diffikultà sabiex jidentifikaha.

[9] Folio 4 -5 ta' l-atti processwali
[10] Folio 11-19 ta' l-atti processwali

L-**Inġinier Christopher Cutajar**[11], uffiċjal tal-Korporazzjoni Enemalta, xehed waqt is-seduta tal-24 t'Ottubru 2016. Ix-xhud għaraf lill-imputata fl-awla. Huwa spjega illi nhar il-25 ta' Marzu 2014 huwa kien qed jagħmel *random inspections* flimkien ma uffiċjali oħrajn fuq każijiet ta' *tampering* fuq l-arloġġi tad-dawl. Kien waqfu fil-ħanut Dolce Sorpresa ġewwa Triq George Caruana, Ħal Tarxien fejn saret spezzjoni u eżami bl-użu tal-apparat MET. In segwitu ta' dan l-eżami, irriżulta li l-arloġġ kien qiegħed jirreġistra 68% anqas milli suppost. It-*test* jaħdem billi l-apparat jipparaguna kemm ikun qed qed jaqra l-arloġġ ma kemm ikun il-kosum attwali skont il-*load* li tkun preżenti. Għalkemm dak il-ħin ma nfetaħx l-arloġġ, ir-riżultat tat-*test* minnu nnifsu kien jindika li kien hemm xi ħaġa ħażina. Skont ix-xhud, sinjal ieħor li arloġġ tad-dawl ikun ġie miftuħ huwa jekk ikolli l-issiġillar ta' wara maqsum. F'dan il-każ, hekk kien. Ix-xhud ikkonferma li wara li l-arloġġ in kwistjoni ġie mibdul ma' ieħor, il-qari tal-konsum kien jidher aktar verosimili. Ix-xhud iċċara li fil-verità ma hemmx sinjali esterni li jistgħu jindikaw il-kawża għalfejn l-arloġġ qed jaqra bin-nieqes. Is-siġilli jindikaw biss li jista' jkun li l-arloġġ ikun infetaħ. Spjega ukoll li hemm taqsima speċjali fi ħdan l-Enemalta li kapaċi tistudja kontijiet antiki u taqbad każijiet ta' abbuż. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk il-qari ħażin hux riżultat ta' *tampering* jew inkella minħabba li l-arloġġ innifsu ħareġ difettuż mill-fabbrika, ix-xhud indika li l-akbar probabbilità hija li l-apparat ġie mbagħbas, speċjalment in vista tal-fatt li ġew skoperti ħafna każijiet simili fi żmien qasir.

[11] Folio 20-35 ta' l-atti processwali

**Michael Buttigieg**[12], uffiċjal tar-*Revenue Assurance* fi ħdan il-Korporazzjoni Enemalta xehed fit-30 ta' Novembru 2016. Ix-xhud ikkonferma illi l-arloġġ in kwistjoni huwa reġistrat fuq Jane Farrugia, detentriċi tal-karta tal-identità 387367(M). Skont ix-xhud, l-istima in rigward ta' *unregistered consumption* hija ta' €2,541.87 biss li l-bilanċ attwalment dovut jitla' għal €3,193.08 minħabba *disconnection charges*, VAT u imgħaxijiet. Iż-żmien in kwistjoni ikopri bejn is-7 t'Awwissu 2013 u l-25 ta' Marzu 2014. Ix-xhud iċċara illi jekk hemm xi dubbju jew approssimazzjoni fil-matematika, din tmur favur il-klijent.

L-**Inġinier John Tonna**[13], uffiċjal tal-Korporazzjoni Enemalta xehed fit-30 ta' Novembru 2019. Ix-xhud spjega li fil-jum in kwistjoni, huwa kien involut f'*surprise inspections* flimkien ma' Robert Busuttil u l-Inġinier Christopher Cutajar. Waqfu jagħmlu spezzjoni fil-fond Dolce Sorpresa fi Triq George Caruana, Ħal Tarxien. Waqt li kienu qed isiru t-testijiet, ix-xhud kien għadu jistenna barra fil-karozza. Eventwalment, l-oħrajn sejħulu sabex jidħol. Ix-xhud jiftakar li r-riżultat tat-testijiet kien li l-arloġġ kien qed jaqra 68% anqas milli supost. Kien instab ukoll li s-siġilli tal-imsemmi arloġġ kien ġew imbagħbsa ukoll billi infetħu u reġgħu ġew inkollati. Madankollu, l-arloġġ ma nfetaħx fuq il-post iżda ġie elevat. Ix-xhud ikkonferma li mhuwiex faċli li taqla' s-siġilli li jkun hemm mal-arloġġ tad-dawl. Filfatt, fl-użu normali dawn jintaqgħu u jiġi mibdula. Mhuwiex normali li b'xi mod jinfetħu u imbagħad jerġgħu jitwaħħlu l-istess.

[12] Folio 46-51 ta' l-atti processwali
[13] Folio 53-60 ta' l-atti processwali

**PS 159 Glenn Calleja**[14], stazzjonat fir-*Rapid Intervention Unit*, xehed fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016 fejn ikkonferma illi nhar il-25 ta' Marzu 2014 huwa kien mar flimkien ma uffiċjali tal-Enemalta sabiex issir spezzjoni sorpriża fl-istabbiliment Dolce Sorpresa ġewwa Ħal Tarxien iżda fl-ebda mument ma kien bżonn l-intervent tiegħu u kollox mexa b'mod ċivili.

**L-Ispettur Hubert Cini**[15], stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Ħal Luqa, xehed fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2017 fejn huwa kkonferma bil-ġurament l-awtentiċità taċ-ċertifikat tat-twelid u l-fedina penali tal-imputata kif ukoll l-istqarrija tagħha li ttieħdet nhar it-8 ta' Jannar 2016 fil-preżenza ta' WPC 328 Samantha Pace.

**Cyril Spiteri Staines**[16], *Electrical Engineer*, xehed waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2018. Huwa kkonferma li ġabar l-arloġġ in kwistjoni imbagħad ftiehem mal-Enemalta sabiex isir stħarriġ preliminari. It-testijiet neċessarji saru fil-*meter room* tal-Enemalta fil-preżenza tal-imputata u d-difensur tagħha. L-ewwel figuri indikaw li l-arloġġ kien qed jaqra ċirka 50% anqas milli suppost. Wara li ġie kkonstatat li l-arloġġ ma kienx qed jaħdem tajjeb, infetaħ u ġie skopert li kienet ġiet mpoġġija *a conductive substance* bejn żewġ *contacts* u b'hekk kien hemm interferenza mal-qari tal-kurrent mill-arloġġ u allura kien qed jaqra inqas. Fi kliem sempliċi, ġie maħluq forma ta' *short circuit* fil-*printed circuit board* tal-arloġġ. Ix-xhud eskluda l-possibilità li l-arloġġ kien afflitt minn difett tal-manifattura u tabilħaqq, min għamel l-intervent kien jaf x'inhu jagħmel għax is-*short circuit* ġie introdott fil-post idoneju sabiex jiġi affettwat il-

[14] Folio 61-63 ta' l-atti processwali
[15] Folio 74-75 ta' l-atti processwali
[16] Folio 121-127 ta' l-atti processwali

qari tal-kurrent. Madankollu, ix-xhud ikkjarifika li l-komportament tal-arloġġ wara li jsir tali intervent huwa *random* u ma hemmx xi *formula* speċifika ta' kemm ser jaqra inqas. Huwa fatt ukoll li sabiex jinfetħu arloġġi tat-tip konċernat kienet tinħtieġ biċċa għodda speċjalizzata li lanqas il-ħaddiema tal-Enemalta ma kien ikollhom. Jista' jkun ukoll li din ġiet fabrikata apposta.

L-imputata **Jane Farrugia**[17] xehdet waqt is-seduta tat-3 t'April 2019. Hija kkonfermat illi l-fond in kwistjoni ġie mixtri minnha mingħand terzi. Huwa ħanut żgħir ta' daqs ċirka 17-il pied b'17-il pied u jintuża bħala *confectionery*. Il-ħanut infetaħ fil-bidu ta' Jannar 2014 imbagħad fil-25 ta' Marzu 2014, jiġifieri xahrejn wara, saret l-ispezzjoni dwar l-arloġġ tad-dawl. Meta Skont l-imputata fil-25 ta' Marzu 2014 għall-ħabta tas-7pm jew ftit qabel marru madwar sitta min nies u qalulha li kienu ser jiċċekjaw daqsxejn l-arloġġ. Wara ftit qalulha li kien hemm bżonn illi l-arloġġ jinbidel. L-imputata stqarret li ftit wara li akkwistat il-garaxx, u ċioè għall-ħabta ta' Frar 2014 inbidlu l-arloġġi tat-triq kollha u lilha ukoll għamlulha arloġġ ġdid flok dak li kien diġa installat. Sqarret ukoll li minn meta installaw l-arloġġ il-ġdid, irċiviet xi tlett kontijiet li hija ħallset fil-pront. Skont l-imputata, wara ftit taż-żmien irċeviet telefonata fejn qalulha "trid tħallas €2000 u qisu qatt ma ġara xejn?". In-numru li minnu saret it-telefonata kien 22980425. Hija staqsietu min hu imma huwa rrisponda li "mhux importanti. Jekk trid tirranġa hekk għax se jkollok ħafna qrati u dieħla f'ħafna *hassle*". L-imputata qalet illi hija rrifjutat din l-offerta u preferiet li titla' l-Qorti għax skont hi, ma għamlet xejn ħażin. F'Mejju 2014, irċeviet kont ta' €1,314 u ċemplitilhom biex

[17] Folio 168-171 ta' l-atti processwali

skont hi tkun taf x'inhi r-raġuni kif post daqshekk żgħir tella' dak il-kont. Ir-risposta li ħadet kienet illi trid tħallas dak il-kont għax "kellek il-meter ma jaqrax tajjeb. Biex tiġi eżatt għax inkella naqtgħu d-dawl." Ix-xhud ikkonfermat illi hija ħallset €1,314 kif ukoll €3,151.93. Ftit wara irċeviet kont ieħor ta' €2329.30. Skont l-imputata, minn meta fetħet il-ħanut, hija ma żieditx makkinarju u filfatt kienu raw kollow fl-ispezzjoni. Madwar tmien xhur wara l-ispezzjoni il-fond ingħalaq minħabba raġunijiet ta' mard.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti irrizulta li l-meter kien gie mbaghbas hekk kif ikkonfermat mix-xhud Robert Busuttil:

*"Iva l-meter kellu s-sigilli, ma kienux intatti, jidhru li kienu infethu u regghu inghalqu u fil-fatt imbaghad biddilna l-meter u l-meter qieghed hawn nista' nipprezentah.*

*Dawk is-sigilli huma dak it-tip ta' sigilli illi kien hawn ta' l-meters irrigjati li nfethu u regghu inghalqu jigifieri dawn kien hawn kazijiet ohra hekk bhalhom minn dawn ta' l-smart meters imbabsin u b'xi mod fethuhom u regghu ghalquhom jigifieri storja li diga' ltqajna fuq kazijiet ohra fuqhom."*[18]

L-inginier Christopher Cutajar ikkorobora dan is-stat ta' fatt:

*"….it-test indika li l-meter kellu xi haga, intervent fih illi kien qed jikkawza dan in-nuqqas ta' reading.*

[18] Folio 13 ta' l-atti processwali

*… rajnieh fuq il-post ezatt."*[19]

*"Rajt illi s-sealing kien krekjat.*

*Appart s-sealing, il-problema qieghda internament."*[20]

Ix-xhud John Tonna stqarr:

*"….. sibna ukoll li z-zewg sigilli li jkollu isfel l-arlogg kienu mbabsin ukoll jigifieri dan l-arlogg infetah u rega' inghalaq b'mod illegali."*[21]

Ix-xhud espert Cyril Spiteri Staines stqarr:

*"Magistrat: U dan irrizultalek li kien tampered? Iva jew le?*

*Xhud: Iva u jidher car mir-ritratt jigifieri u hemm ritratt li jidher fejn hemm car il-substance applikat."*[22]

Illi dan huwa wkoll ikkonfermat fir-ritratt numru 11 li jifforma parti mir-rapport esebit, Dok CCS kif ukoll il-konkluzzjonijiet ta' l-istess rapport[23].

Illi ghalhekk, m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni ppruvat il-"ksur" skond il-ligi. Jirrizulta wkoll li l-*meter* tad-dawl kien, qabel l-ispezzjoni, qed jaqra hazin, u wara l-ispezzjoni u l-bdil tieghu, beda jaqra b'mod aktar realistiku, minghajr ebda riduzzjoni.

Illi dan ma jfissirx li l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputati ghandhom japplikaw b'xi mod awtomatiku, izda jonqos li l-elementi kollha tar-reat jigu ppruvati kumulattivament.

Illi l-Qorti issa ser tezamina l-element formali tal-istess reat.

[19] Folio 23 ta' l-atti processwali
[20] Folio 24 ta' l-atti processwali
[21] Folio 56 ta' l-atti processwali
[22] Folio 124 ta' l-atti processwali
[23] Folio 140-142 ta' l-atti processwali

Illi huwa ppruvat li l-meter huwa registrat fuq l-imputata.

*"Spettur Hubert Cini: Dan il-meter tista' tikkonfermalna fuq min qieghed irregistrat jekk joghgbok?*

*Xhud: Skont l-istima li hrigna qieghed fuq Jane Farrugia."*[24]

Illi dan huwa wkoll ippruvat in vista tad-dokument CC1 esebit minn l-l-Inginier Cutajar li jindika li l-meter huwa rregistrat f'isem l-imputata[25].

Irrizulta wkoll li dan il-meter kien ilu registrat fuq l-imputata minn nhar is-7 ta' Awissu 2013 kif ukoll li fix-xhieda taghha stess l-imputata tikonferma li l-hanut huwa taghha stess.

*"Difiza: Il-fond huwa proprjeta' ta' min?*

*Xhud:Tieghi."*[26]

*"Pros: Il-fond xtrajtu inti?*

*Xhud: Iva."*[27]

Illi l-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*(2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata,* ***jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha***

24 Folio 47b ta' l-atti processwali
25 Folio 36 et seq ta' l-atti processwali
26 Folio 168 ta' l-atti processwali
27 Folio 170 ta' l-atti processwali

***f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Illi permezz ta' din id-disposizzjoni, il-legislatur ried li l-element formali, ossija l-*mens rea*, ikun prezunt u mbaghad ikun jispetta lill-imputat u d-difiza, biex tipprova l-kuntrarju.

Mill-provi prodotti minn imkien ma gie stabbilit li kienet proprju l-imputata stess li baghbset il-meter tal-elettriku li kellha installat fil-fond li wassal ghas-serq tad-dawl.

L-imputata kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda taghha tinnega li kienet hi li baghbset il-meter bir-rizultat li l-meter tad-dawl kien qed jirregistra livell inqas minn kif suppost. Kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda taghha, l-imputata tichad kategorikament li hija qatt kienet messet il-meter tal-elettriku jew li kienet b'xi mod konsapevoli li l-meter tal-elettriku kien imbaghbas. Ghall-kuntrarju, skond l-imputata, jidher li kienet sahansitra sorpriza bil-kontijiet gholjin li waslulha *wara* li saret l-ispezzjoni u sahansitra staqsiet dwarhom.

Illi f'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Pulizija vs Louis Attard**[28] li stqarret:

*"Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u cioe' li baghbas il-meter li kellu installat fil-fond tieghu u b'hekk seraq il-konsum tal-elettriku ghad detriment tal Enemalta liema serq hu aggravat bil-mezz u valur. Hu ghalhekk li l-Qorti*

[28] Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) Kriminali, Onor. Imhallef Conseulo Scerri Herrera, 23 ta' Lulju 2019

*sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu"*

Illi inoltre, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Conrad Vassallo**[29] fejn il-Qorti ezaminat kif il-prosekuzzjoni naqset li tipprova mhux biss li l-imputat ma kkawzax il-hsara li wasslet ghas-serq ta' elettriku, izda wisq anqas il-konsapevolezza tal-istess imputat li kien jezisti xi tbaghbis fil-meter tad-dawl:

*Illi fil-kaz odjern din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f' dan il-kaz jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova li hu ma kienx jaf li kien hemm dawn l-irregolaritajiet fil-meter tad-dawl installat fil-fond tieghu. Dan jinghad mhux biss ghaliex l-imputat dejjem sostna li huwa ma kienx a konnoxxenza tal-irregolaritajiet li nstabu fil-meter f' Mejju 2014 izda principalemnt ghaliex meta xehed Alan Chetcuti, ir-rapprezentant tal-Enemalta, waqt l-udjenza tal-4 ta' Gunju, 2015 u fuq talba tad-Difiza provda r-records tal-konsum tal-elettriku in kwantu jirrigwarda l-meter de quo mill-1996 sat-2015 (Dok AD1 a fol 54), huwa spjega li mis-sena 1996 sa Mejju 2014 il-konsum li kien qed jigi registrat kien bejn wiehed u iehor l-istess. Dan jindika li jekk effettivament l-irregolaritajiet riskontrati kienu qed jaffetwaw ir-recording effettiv tal-konsum tal-elettriku dawn kienu jezistu ferm qabel ma l-imputat xtara l-fond in kwistjoni u qabel ma beda' jghix fih. Irid inoltre jigi rilevat li meta xehed Joseph Gerada, dejjem ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta, dan indika*

[29] Deciza minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fl-4 ta' Dicembru 2015

*li ghalkemm kien hemm grif fuq id-diska tal-meter ma nstab xejn qed ihokk maghha u li kien qed iwaqqafha milli ddur.*

*Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni la rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat li volontarjament ikkaguna hsara fil-meter tad-dawl in kwistjoni u wisq anqas li kien jaf b' dawn l-irregolaritajiet jew hsarat jew li huwa ried jisraq xi elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.*

Illi inoltre, il-proksekuzzjoni lanqas ma hadet il-passi necessarji biex tinforma lill-Magistrat ta' l-ghassa dakinnhar meta effettivament l-impjegati tal-Enemalta ghamlu l-ispezzjoni u sabu li kien hemm meter tal-elettriku imbaghbas. Li kieku ittiehed dan il-pass sabiex issir inkjesta magisterjali bil-ghan li jigi ppreservat l-oggett, l-esperti nominati setghu, possibilment, ikunu f'posizzjoni li jghidu meta sar it-tbaghbis u l-prova tal-prosekuzzjoni, minkejja l-presunzjoni *ex lege*, kienet tkun ferm aktar b'sahhitha.

L-artikolu 546(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob:

*"546.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta'reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post:*

*Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti:*

*Iżda wkoll minkejja kull dispożizzjoni oħra, meta reat li jkun qed jiġi investigat ikun ta' serq tal-elettriku jew reat taħt l-artikolu 326(1)(ċ), (e) u (f) ebda aċċess ma għandu jsir ħlief fuq talba espressa tal-Enemalta plc.*

*(2) Il-maġistrat li lilu jsiru r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela msemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan jista' ma jagħmilx aċċess jekk il-fatt li għandu jiġi investigat huwa ksur għall-finijiet tal-artikolu 263(a) kif imfisser fl-ewwel paragrafu tal-artikolu 264(1) u jekk is-serq li għalih il-ksur jirriferixxi jew jista' jirriferixxi jkun dwar ħwejjeġ li ma jkunux jiswew aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), għalkemm jista' jkun ikkwalifikat kif imsemmi fl-artikolu 261(a), (b), (d),(e),(f) u (g) jew x'wħud minnhom, ukoll jekk il-fatt x'aktarx li jikkostitwixxi reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin:*

*Iżda d-deċiżjoni ta' maġistrat li ma jagħmilx aċċess skont dan is-subartikolu ma timpedix, dwar il-fatt jew il-fatti li dwarhom dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet, l-istituzzjoni jew it-tkomplija ta' proċeduri kriminali għal reat li jkun iktar gravi, sew minħabba x-xorta tiegħu sew minħabba l-ammont involut sew għal xi raġuni oħra, tkun liema tkun, mir-reati msemmija f'dan is-subartikolu.*

*(3) Meta r-reat li għandu jiġi investigat ikun serq, li ma jkunx serq bi vjolenza kontra l-persuna, il-Maġistrat jista' minflok li jagħmel aċċess fuq il-post, jordna lil uffiċjal tal-Pulizija mhux taħt il-grad ta' spettur biex jistabbilixxi l-fatti rilevanti, u l-uffiċjal hekk maħtur u kull fotografu jew espert ieħor li jkunu qed jgħinuh għandhom jixhdu fl-inkjesta fuq il-fatti investigati u stabbiliti minnhom u għandhom jipproduċu r-ritratti kollha li kunu ttieħdu u l-oġġetti jew id-dokumenti l-oħra kollha li jkunu rilevanti għall-investigazzjoni tagħhom."*

Illi dan gie ikkonfermat minn l-istess sentenza **Pulizija vs Louis Attard**[30]:

> *"Ghalhekk f'dan il-kaz l-prosekuzzjoni messha infurmat lill-Magistrat li kien ta' l-ghassa meta effettivament l-impjegati tal-Enemalta ghamlu spezzjoni u sabu li kien hemm meter tal-elettriku imbagbas u dan ghaliex hemm l-aggravju tal-valur u ghalhekk kien jispetta li ssir inkjesta magisterjali bil-ghan li jigi preservat l-oggett. Molto piu' meta tqis li l-esperti li gew nomianti ma stqarrew li ma kienux prezenti meta gie maqlugh il-meter u sostitiwit u ghalhekk ma kienux f'posizjoni li jghidu meta sar t-tbaghbis. Dwar it-tbaghbis l-esperti nominati ma jghidu xejn salv li ma kienx hemm sigilli u lanqas ma instabu fil-parti t'isfel tal case. Pero jekk kienx hemm xi toqba fil-packing tal-meter jew affarijeit bhal dan ma jirizultax mill-atti.*

[30] Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 23 ta' Lulju 2019; Appell Numru 92/2018 u 132/2018

Illi min-naha taghha, id-difiza esebiet kuntratt tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisit[31] li sar nhar il-20 ta' Mejjju 2015, u cioe' wara z-zmien meta allegatament sar ir-reat.

Illi f'dan il-kuntratt jirrizulta li r-ragel assenja lil martu, l-imputata, li min-naha taghha rceviet bl-istess titolu, il-hanut bin-numru sitta u sittin (66) fi Triq George Caruana, Tarxien, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u bl-istock kollu ta' go fih. Illi d-difiza kkonfermat li din il-propjeta hija l-istess propjeta mertu ta' din il-kawza – din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex tiddubita li huwa hekk.

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tikkontendi wkoll li jezisti dubju dwar l-identita' ta' min seta' kkommetta r-reat in kwistjoni peress li l-imputata ma kinitx l-unika proprjetarja jew detentrici tal-proprjeta' in kwistjoni fiz-zmien mertu tal-imputazzjonijiet izda din kienet tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejnha u bejn zewgha Charles Farrugia. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputata b'mod definittiv tista tigi meqjusa bhala l-persuna unikament responsabbli u se mai, jekk ghandha tigi kkunsidrata bhala persuna responsabbli, l-akkuzi kellhom johorgu ukoll fil-konfront tar-ragel taghha in vista tal-fatt li l-hanut kienu kompromprjetarji u koamministraturi l-imputata u zewgha flimkien. Minkejja din l-informazzjoni, jirrizulta li l-pulizija qatt ma interrogat lil Charles Farrugia wisq anqas harget akkuzi fil-konfront tieghu.

---

[31] Dok JS1, Folio 188-193 ta' l-atti processwali

Id-difiza ikkjarifikat li filwaqt li l-propjeta' fil-gurnata tar-reat kienet f'idejn l-imputata u l-hanut kienet tmexxih hi, il-proprjeta' kienet tghajjat lil eks ragel taghha wkoll.

Dwar din is-sottomissjoni tal-imputata pero', din il-Qorti tqis li ftit li xejn tista' tiswa bhala difiza u dan in vista tal-presuzjoni stabbilita fil-ligi, senjatament fl-artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali, li l-persuna detentrici jew li jkollha f'idejha l-proprjeta', hija prezunta konsapevoli bil-ksur u bis-serq tad-dawl. Ghalhekk, meta l-imputata tghid li l-komproprjeta' tal-hanut fiz-zmien mertu tal-imputazzjonijiet tohloq dubju dwar l-identita' ta' min seta' kkommetta r-reat in kwistjoni, mhuwiex argument validu fid-dawl tal-ligi.

Id-difiza tirrileva wkoll li l-imputata ma nghatax id-drittijiet taghha fil-hin attwali meta nbdiet l-investigazzjoni. Skond id-difiza, l-investigazzjoni bdiet fil-mument li dahhlu l-ufficjali tal-Enemalta u bdew jinvestigaw u jaghmlu l-mistoqisijiet taghhom u mhux meta intervjenew il-pulizija. Minhabba f'hekk l-imputata giet michuda mid-drittijiet taghha li ghandha kull dritt li ma twegibx u ma titkellimx sakemm tkun assista minn avukat. F'dan ir-rigward saret referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Louis Galea**[32] ghad-direttiva 2013/48/UE tal-Parlament tal-Kunsill tal-Ewropa tat-22 ta' Ottubru 2013.

Illi madankollu mill-provi, u partikolarment mill-istqarrija, l-imputata qatt ma amettiet xi fatti inkriminanti jew sahansitra ghall-akkuzi odjerni u ghall-kuntrarju, innegat ghal kollox l-involviment taghha f'din il-

[32] Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrea; Deciza nhar is-17 ta' Ottubru 2019

kwistjoni. Sussegwentement, l-imputata kompliet tinnega kollox fl-istqarrija li ttehditilha. Illi ghalhekk, jekk il-Qorti kellha tiskarta kwalunkwe dikjarazzjoni, anke jekk verbali, li l-imputata setghet ghamlet, ma jirrizultax li hi qatt ammetiet bl-ebda mod l-involviment taghha fl-istadju ta' meta l-ufficjali ta' l-Enelmalta ghamlu s-*spot check* taghhom. Illi sussegwentement l-imputata ghazlet li tixhed fil-proceduri odjerni b'mod volontarju u regghet ikkonfermat dak li sostniet mill-bidu nett, ossija li m'ghandhiex tigi konsidrata bhala responsabbli ghar-reat in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Fid-dawl ta' dak kollu hawn fuq espost, din il-Qorti ma tqisx li d-difiza irnexxilha ggib il-prova sufficjenti biex teghleb il-prezunzjoni *juris tantum* tal-artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali. Effettivament, l-unika prova li giebet l-imputata kienet ic-cahda taghha li hija kienet involuta b'xi mod f'xi tbaghbis jew serq ta' dawl elettriku. Din il-Qorti ghalkemm naturalment taghti l-piz ta' tali dikjarazzjonijiet, tqis li dawn wahedhom mhumiex bizzejjed biex jeghlbu l-provi tal-prosekuzzjoni migjuba f'din il-kawza, meta jigu maghduda mal-prezunzjoni *juris tantum* li tistabbilixxi il-ligi in konnessjoni ma' dawn it-tip ta' reati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li l-element materjali tar-reat jinsab konfermat mix-xhieda, inkluz dawk teknici, migjuba mill-prosekuzzjoni, l-element formali, li huwa dak li l-imputata setghet teghleb li kieku

gabet provi sufficjenti hi, jinsab ippruvat ukoll, inkluz bil-prezunzjoni tal-ligi.

L-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossija dik tal-hsara volontarja.

L-artikolu 326 (1) (c), dwar hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew dwar kagunar ta' telf tal-kurrent elettriku ma jibbenefikax mill-istess prezunzjoni li tibbenefika l-imputazzjoni l-ohra dedotta fil-konfront ta' l-imputata Jane Farrugia. Lanqas ma hemm il-prova li l-hsara giet imwettqa proprju mill-imputata, u wisq anqas giet pruvata l-*mens rea* necessarja ghar-reat tal-hsara volontarja.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara l-artikoli 15A, 17, 18, 31, 28A, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 264(2), 267, 269, 270, 279, 279(b), 280, 326, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Jane Farrugia **hatja** ta' l-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom ikunu sospizi ghal zmien tliet (3) snin u ssib lill-imputata **mhux hatja** tat—tieni imputazzjoni, u minnha tilliberaha minn kull piena u htija.

Inoltre, u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, hija tordna lill-hatja sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum, thallas lill-

Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' tliet elef, mija tlieta u disghin Euro u tmien centezmi (€3,193.08), rapprezentanti telf u danni kif mitluba u konfermati mill-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**Deciza illum nhar id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**